

It-Tlieta 11 ta' Ġunju 2013

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

P7_TA(2013)0236

Talba għat-tnejħija tal-immunità parlamentari ta' Jacek Olgierd Kurski

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Ġunju 2013 dwar it-talba għat-tnejħija tal-immunità parlamentari ta' Jacek Olgierd Kurski (2013/2019(IMM))

(2016/C 065/26)

Il-Parlament Ewropew

- wara li kkunsidra t-taba għat-tnejħija tal-immunità parlamentari ta' Jacek Olgierd Kurski, li tressqet fis-16 ta' Jannar 2013 mill-Prosekuratur Pubbliku Ġenerali tar-Repubblika tal-Polonja, b'rabta ma' talba tat-2 ta' Jannar 2013 mill-Kap tal-Uffiċċju għall-Prevenzjoni tal-Kwartieri Ġenerali Nazzjonali tal-Pulizija, fisem l-awtorità tal-Kap Spettur tal-Pulizija, u mħabbra fil-plenarja fl-4 ta' Frar 2013,
- wara li sema' lil Jacek Olgierd Kurski bi qbil mal-Artikolu 7(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, tal-20 ta' Settembru 1976,
- wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Mejju 1964, tal-10 ta' Lulju 1986, tal-15 u l-21 ta' Ottubru 2008, tad-19 ta' Marzu 2010 u tas-6 ta' Settembru 2011 (¹),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 105 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Polonja u l-Artikoli 7, 7b(1) u 7c, flimkien mal-Artikolu 10b, tal-Att Pollakk tad-9 ta' Mejju 1996 dwar it-twettiq tal-mandat ta' deputat jew senatur,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 6(2) u 7 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0187/2013),

A. billi l-Prosekuratur Pubbliku Ġenerali tar-Repubblika tal-Polonja talab it-tnejħija tal-immunità parlamentari ta' Membru tal-Parlament Ewropew, Jacek Olgierd Kurski, b'rabta mal-possibilità ta' azzjoni legali fir-rigward ta' offiża allegata;

(¹) Sentenza tat-12 ta' Mejju 1964 fil-Kawża 101/63 *Wagner v Fohrmann u Krier* [1964] ECR 195; sentenza tal-10 ta' Lulju 1986 fil-Kawża 149/85 *Wybot v Faure u oħrajn* [1986] ECR 2391; sentenza tal-15 ta' Ottubru 2008 fil-Kawża T-345/05 *Mote v Parlament* [2008] ECR II-2849; sentenza tal-21 ta' Ottubru 2008 fil-Kawża konġunti C-200/07 u C-201/07 *Marra v De Gregorio u Clemente* [2008] ECR I-7929, sentenza tad-19 ta' Marzu 2010 fil-Kawża T-42/06 *Gollnisch v Parlament*, [2010] ECR II-1135, sentenza tas-6 ta' Settembru 2011 fil-Kawża C-163/10 *Patriciello* (pubblikazzjoni pendentii fl-ECR).

It-Tlieta 11 ta' Ġunju 2013

- B. billi, skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, il-Membri tal-Parlament Ewropew għandhom igawdu fit-territorju tal-Istat tagħhom stess l-immunitajiet mogħtija lil membri tal-parlament ta' pajiżhom;
- C. billi l-Artikolu 105(2) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Polonja jgħid illi, matul it-terminu parlamentari, Membri tal-Parlament ma jistgħux jiġu soġġetti għal responsabilità kriminali mingħajr ma qabel tittneħħielhom l-immunità mill-Parlament;
- D. billi Jacek Olgierd Kurski huwa akkużat minn reat relatat mat-traffiku skont l-Artikolu 92(1) tal-Att tal-20 ta' Mejju 1971 li jistabbilixxi Kodiċi ta' Reati (Ġurnal Pollakk tal-Liġijiet 2010 Nru 46, partita 275, kif emendat);
- E. billi l-azzjoni allegata m'hijiex marbuta b'mod dirett u ovvju mat-twettiq min-naħħa ta' Jacek Olgierd Kurski tad-dmirijiet tiegħi bħala Membru tal-Parlament Ewropew u lanqas ma tikkostitwixx opinjonijiet espressi jew voti fil-kuntest tat-twettiq ta' dmirijietu bħala Membru tal-Parlament Ewropew skont it-tifsira tal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea;
- F. billi huwa ċar li l-akkuża bl-ebda mod mhi relatata mal-pożizzjoni ta' Jacek Olgierd Kurski bħala Membru tal-Parlament Ewropew;
- G. billi mhemm l-ebda raġuni biex wieħed jissospetta l-eżistenza ta' *fumus persecutionis*:
1. Jiddeċiedi li jnejħhi l-immunità ta' Jacek Olgierd Kurski;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħi biex jgħaddi din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat kompetenti tiegħu minnufihi lill-Prosekuratur Pubbliku Ġenerali tar-Repubblika tal-Polonja u lil Jacek Olgierd Kurski.

P7_TA(2013)0237

It-talba għat-tnejħħija tal-immunità ta' Małgorzata Handzlik

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Ġunju 2013 dwar it-talba għat-tnejħħija tal-immunità ta' Małgorzata Handzlik (2012/2238(IMM))

(2016/C 065/27)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-talba għat-tnejħħija tal-immunità ta' Małgorzata Handzlik, imressqa fit-3 ta' Lulju 2012 mill-Prosekuratur Pubbliku tar-Repubblika Pollakka b'rabta mal-investigazzjoni VI DS 312/10 tal-Uffiċċju tal-Prosekuratur tad-Distrett ta' Varsavja u mħabba fis-seduta plenarja fl-10 ta' Settembru 2012,
- wara li sema' lil Małgorzata Handzlik skont l-Artikolu 7(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħi,
- wara li sema' wkoll lil Giovanni Kessler, Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi, u lil Roger Vanhaeren, Direttur Ġenerali għall-Finanzi tal-Parlament Ewropew,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, tal-20 ta' Settembru 1976,
- wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Mejju 1964, tal-10 ta' Lulju 1986, il-15 u l-21 ta' Ottubru 2008, id-19 ta' Marzu 2010 u s-6 ta' Settembru 2011 (¹),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 105 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Polonja,

(¹) Sentenza tat-12 ta' Mejju 1964 fil-Kawża 101/63 *Wagner v Fohrmann u Krier* [1964] ECR 195; sentenza tal-10 ta' Lulju 1986 fil-Kawża 149/85 *Wybot v Faure u oħrajn* [1986] ECR 2391; sentenza tal-15 ta' Ottubru 2008 fil-Kawża T-345/05 *Mote v Parlament* [2008] ECR II-2849; sentenza tal-21 ta' Ottubru 2008 fil-Kawża konġunti C-200/07 u C-201/07 *Marra v De Gregorio u Clemente* [2008] ECR I-7929, sentenza tad-19 ta' Marzu 2010 fil-Kawża T-42/06 *Gollnisch v Parlament*, [2010] ECR II-1135, sentenza tas-6 ta' Settembru 2011 fil-Kawża C-163/10 *Patriciello* (pubblikkazzjoni pendentli fl-ECR).